20 ta' Jannar, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Ellul Sullivan ne. *versus* Egbert Zimelli et. ne.

## Azjenda Kummerċjali — Ċessjoni

*L-azjenda kummerċjali ma għandhiex awtonomija ġuridika, la bħala soġġett u lanqas bħala oġġett ta' dritt; hija biss universalità "di fatto", kostitwita mill-volontà tal-proprjetarju tagħha; u mill-istess volontà jiddependi l-kontenut tagħha. B'mod li l-proprjetarju jista' jiddisponi minnha, fit-totalità tagħha jew f'parti, billi jaqsamha f'kemm partijiet jgħoġbu.*

*Għaldaqstant, meta azjenda kummerċjali tifforma oġġett ta' negozju ġuridiku, wieħed għandu jara x'kienet il-volontà tal-kontraenti biex jistabbilixxi liema huma l-elementi li daħlu u ġew kompriżi f'dak in-negozju; u f'każ ta' ċessjoni l-kontraenti għandhom jispeċifikaw l-elementi ċeduti, b'mod li, meta ma jiġix speċifikat li l-akkwirent jakkwista l-passiv tal-azjenda ċeduta, u wisq aktar meta jiġu speċifikati l-elementi ċeduti, l-attiv kollu, u ma jissemmiex il-passiv, il-kredituri tal-azjenda kummerċjali ma jistgħux jesperixxu ebda dritt kontra l-akkwirent; salva favur tagħhom l-azzjoni revokatorja, jekk ikun il-każ.*

*Għax jekk id-debiti ma jkunux ġew kompriżi fiċ-ċessjoni, l-akkwirent ma jirrispondix għalihom; għaliex ma jkunux saru tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ *l-attur nomine* talab illi l-konvenuti jiġu *kundannati jħallsu* lilu, fil-kwalità tiegħu premessa, £62.19.3 għal "freight" u "landing charges". Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi bi skrittura privata *in data* 30 ta' April, 1952, il-konvenut Zimelli, "as the sole owner of Atlas Sliema Company", assenja u ttrasferixxa lill-konvenut Carbonaro, biex iħallsu ta' diversi pagamenti li l-istess Carbonaro kien għamillu, "all the rights of *ownership, goodwill, stocks, and* all assets of the said Atlas Sliema Company", jiġifieri l-attiv ta' l-azjenda kummerċjali fuq riferita, u kwindi l-ħwejjeġ korporali ta' l-istess azjenda u d-drittijiet, fosthom l-użu esklużiv tad-ditta (Vivante, *Vol. III*, paġ. 2), *u l-krediti* kummerċjali u l-avvjament;

Tikkunsidra;

Illi l-azjenda kummerċjali ma għandhiex awtonomija ġuridika, *la* bħala soġġett u lanqas bħala oġġett *ta' dritt.* Mhix ħlief "universalità di *fatto*", *kostitwita* mill-volontà tal-proprjetarju tagħha; u mill-istess volontà jiddependi l-kontenut tagħha. Il-proprjetarju, kwindi, jista' jbiegħha, jew altrimenti jiddisponi minnha, fit-totalità tagħha jew in parti, billi jaqsamha *f'kemm partijiet jgħoġbu; u dan* appuntu għaliex mhix unità quddiem il-liġi. Dina d-dottrina, kif jgħid Vivante (Trattato, III, 843), hija deċiżiva biex tirriżolvi l-kwistjoni jekk il-beni ta' azjenda kummerċjali jirrispondux għad-debiti ta' l-istess azjenda *anki meta* l-akkwirent ikun ikkonvjena *mal-proprjetarju* li jakkwista l-attiv biss. Vivante jirritjeni li f'dina l-ipotesi l-kredituri ma jistgħux jesperixxu l-ebda dritt kontra l-kompratur ta' l-azjenda, għaliex il-kuntratt tal-bejgħ, li għandu jikkostitwixxi t-titolu tad-dritt tagħhom, *ma jitkellimx favur* tagħhom, salv l-eżerċizzju ta' l-azzjoni revokatorja meta jkun il-każ;

Illi għaldaqstant, meta l-azjenda kummerċjali tifforma oġġett ta' negozju ġuridiku, wieħed għandu *jara x'kienet* il-volontà tal-kontraenti biex jistabbilixxi liema huma l-elementi li daħlu u ġew kompriżi f'dak in-negozju; u, kif jgħid

Bolaffio (Codice di Commercio Commentato, I, 221 u 222), f'kaz ta' ċessjoni, il-kontraenti għandhom jispeċifikaw l-elementi ċeduti;

Illi, għalhekk, meta ma jiġix speċifikat illi l-akkwirent ikun qiegħed jakkwista l-passiv, jiġifieri d-debiti li għandhom kawża kummerċjali, wisq aktar meta jiġu speċifikati l-elementi ċeduti, l-attiv kollu, u ma jissemmiex il-passiv, il-kredituri ma jistgħux jesperixxu ebda dritt kontra l-akkwirent ta' l-azjenda; salva favur tagħhom, kif ingħad fuq, l-azzjoni revokatorja, jekk ikun il-każ. Għaliex, skond id-dottrina fuq riferita, l-azjenda mhix kumpless indiviżibbli ta' debiti u krediti. Kif jispjega Vivante (loc. ċit.), il-kontraenti huma liberi li jiddeterminaw sovranament minn darba għall-oħra x'inhu l-kontenut tagħha; u jekk id-debiti ma jkunux ġew kompriżi fiċ-ċessjoni, l-akkwirent ma jirrispondix għalihom, għaliex ma jkunux saru tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi, fil-każ preżenti, il-partijiet speċifikaw fil-kuntratt liema huma l-elementi ċeduti, u ma semmewx id-debiti, u kwindi l-volontà tal-kontraenti għandha tiġi ritenuta li kienet dik illi l-akkwirent ma jakkwistax id-debiti; u la darba hemm l-iskritt, il-prova kuntrarja ma tistax issir permezz ta' testimoni, għaliex għandu jiġi preżunt illi f'dak l-iskritt il-kontraenti kkomprendew il-konvenzjonijiet kollha ta' bejniethom; u hu appuntu għalhekk li l-Qrati Tagħna jirritjenu illi, salvi ċerti eċċezzjonijiet introdotti mill-ekwità, jekk il-kontraenti jirrikorru għall-miktub, ma jkunux jistgħu jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax, jew jirriżulta esklużiż, mill-istess att. L-eċċezzjonijiet jirriferixxu għal dawn l-erbgħa każijiet: meta l-kuntratt ikun vizzjat minn frodi, jew altrimenti jkun null għal xi raġuni valida fil-liġi; meta l-kuntratt ikun simulat; meta s-sinifikat tal-kitba jkun ambigwu, jew il-kitba tkun tikkontjeni partijiet kontradittorji; u meta jkun irid jiġi pruvat xi patt inċidentali u aċċessorju, u kwindi sekondarju, mhux inkonċiljabbli ma' l-iskritt — eċċezzjonijiet li fil-każ preżenti ma jirrikorrux;

Illi, del resto, lanqas "aliunde" ma jirriżulta li ġew ċeduti anki d-debiti; anzi jirriżulta l-kuntrarju ...... ;

Tikkunsidra:

Illi l-konvenut Zimelli jallega li hu u l-konvenut Carbonaro kienu jaħdmu l-azjenda in soċjetà bejniethom. Ċertament huwa ma jistax jalludi għal soċjetà legalment kostitwita, imma biss għal soċjetà "di fatto", jew irregolari, għaliex priva mill-iskrittura u mill-formalitajiet l-oħra mposti mill-liġi; però lanqas ma rnexxielu jagħmel il-prova ta' din il-forma ta' eżerċizzju ta' spekulazzjoni fl-interess komuni; u difatti, għalkemm, oltre x-xhieda tiegħu, hemm dik ta' Benoit Calleja, li qal illi, safejn jaf huwa, kienu soċiji, u li hu kien impjegat magħhom, u li Carbonaro kien jagħtieh issalarju ........; iżda kontra dawn l-impressjonijiet hemm fatti pożittivi li juru li ma kienux assoċjati. Jekk tassew Carbonaro kien jagħti lil Calleja s-salarju, dan il-fatt ma għandu l-ebda importanza, għaliex mhux negat li Carbonaro kien jislef il-flus lil Zimelli. Lanqas ma għandu importanza, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-fatt li Carbonaro kien jaħdem għal Zimelli, kif l-istess Carbonaro jammetti, u għalhekk allega wkoll illi f'każ ta' profitti kien jippretendi rimunerazzjoni korrispondenti almenu għall-kwart ta' dawk il-profitti. Il-modalità tar-rimunerazzjoni f'perċentwali fuq il-profitti ma tirrendix, fin-nuqqas ta' kuntratt ta' soċjetà intrinsekament komplet u perfett, għalkemm mhux legalment kostitwit bl-iskrittura u bil-formalitajiet rikjesti mill-liġi, assoċjat lil min jirċievi għal xogħolu ħlas bl-imsemmija modalità. U mbagħad kontra l-pretensjoni tal-konvenut Zimelli hemm il-fatt illi l-istess Zimelli kien jiddepożita f'ismu l-flus anki dawk li kien jagħtieh Carbonaro; il-fatt, riżultanti mix-xhieda ta' l-imsemmi Kissaun u tan-Nutar D'Andria, li qabel ma saret iċ-ċessjoni kien hemm xi ħsieb li minflok ċessjoni ta' l-azjenda minn Zimelli favur Carbonaro jikkuntrattaw soċjetà bejniethom; u finalment il-fatt illi fl-imsemmija skrittura Zimelli ikkwalifika ruħu "sole owner of Atlas Sliema Company", jiġifieri ta' l-azjenda ċeduta;

Għall-motivi premessi, id-dejn lejn id-ditta attriċi — mhux kontestat, la in kwantu għall-eżistenza u lanqas għall-estensjoni tiegħu; del resto, pruvat bix-xhieda ta' Lawrence Ellul Sullivan — huwa kollu dovut tal-konvenut Zimelli;

U għaldaqshekk tiddeċidi adeżivament għat-talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Zimelli, u tillibera mill-istess talba lill-konvenut Carbonaro; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut Zimelli.

---